FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

Gudikatur: Dr Grazio Mercieca LL.D.

Seduta tat-28 ta' Dicembru 2001

Fl-atti ta' l-Avviz numru 57/01
Fl-ismijiet:

Virgilio sive Gino Vella f'ismu proprju kif ukoll f'isem u ghan-nom ta' Aquatess Ltd

-vs-

Louise Drew

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba fejn l-attur talab illi l-konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' mija u wiehed u sittin lira Maltin u tmien centezmi (Lm161.08), liema somma tirrapprezenta ammont dovut lill-attur ghall-konsenja ta' merkanizja konsistenti fi prodotti ta' ikel u minerali, fil-hanut Tricky Nicky's Pub 'N Diner illi kien operat mill-konvenuta.

Bl-interessi skond il-ligi u bl-ispejjez tal-prezenti procedura u ta' l-ittra bonarja tas-7 ta' Settembru 2001.

Ra r-risposta tal-konvenuta fejn eccepiet illi t-talbiet ta' l-atturi huma infondati fid-dritt u fil-fatt u m'ghandhomx jigu milqugha u dnaa stante illi x-xoghol tal-merkanzija mertu ta' din il-kawza ma giex ordnat mill-konvenuta izda minn terza persuna u cioe' minn Nicholas Ross Wearden-Murphy.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt.

Ha konjizzjoni tar-risposta moghtija verbalment fid-deposizzjoni tal-kjamat fil-kawza

Sema' l-provi u fela d-dokumenti esibiti

Ikkunsidra

Illi jirrizulta li l-konvenuta u l-kjamat fil-kawza kienu socji fin-negozju li lilu giet mibjugha u kkunsinnata l-merkanzija mill-attur. Il-kjamat fil-kawza hareg il-kapital u kien jippartecipa fix-xiri u bejgh ta' li stock tan-negozju, filwaqt li l-konvenuta kienet torhog ic-cekkijiet lill-kredituri; l-account tal-bank kien f'isimha; kienet ukoll tiffirma

uhud mid-delivery notes jekk hi tinzerta fil-hanut; kellha wkoll f'isimha r-registrazzjoni tal-VAT.

Illi jirrizulta illi ghalkemm l-attur qieghed jitlob is-somma ta' LM161, huwa ha lura b'kemm jiswew LM66 mill-affarijiet li kien ikkunsinna;

Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jikkundanna lill-konvenuta u lill-kjamat fil-kawza, *in solidum* bejniethom, ghall-hlas lill-attur tas-somma ta' LM95, bl-imghax legali mid-data tal-kunsinna sad-data tal-eventwali hlas effettiv, u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra bonarja tas-7 ta' Settembru 2001; b'dan li jibqa' ghal kollox impregudikat kwalunkwe dritt ta' rifuzjoni li l-kjamat fil-kawza jista' talvolta jkollu minghand il-konvenuta.

(ft.) Grazio Mercieca
Gudikant

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur